**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 20 ta' Frar, 2023**

**Avviż Numru 72/2019**

**Metalfer2 s.r.l.**

**Vs**

**All Needs Limited u Patrick Baldacchino u b'digriet tal-31 ta' Awwissu 2021 ġiet nominata Dr. Martha Mifsud bħala kuratur deputat sabiex tirrapreżenta lil All Needs Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjeta` attriċi ippreżentat fit-12 ta' April, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' tlettax-il elf, tmien mija u erbgħa u sittin ewro (€13,864) rappreżentanti bilanċ dovut minnhom, jew min minnhom, għal xogħol ta' manifattura u installazzjoni ta' bibien reż minnha fuq inkarigu tagħhom, jew min minnhom.

Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta All Needs Limited ippreżentata fit-12 ta' Ġunju, 2019, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti :

*1. Illi s-soċjeta` esponenti m'għandha tagħti xejn lis-soċjeta` attriċi.*
*2. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju il-bibien ordnati u x-xogħol relattiv ma sarux skond is-sengħa u l-arti.*

Rat ir-risposta tal-konvenut Patrick Baldacchino ippreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2019, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti :

1) *Illi preliminarjament, d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi Patrick Baldacchino assolutament mhuwiex l-leġittimu kontradittur u*

*m'għandu l-ebda relazzjoni kontrattwali jew akwiljana mas-soċjeta rikorrenti u għaldaqstant Patrick Baldacchino għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2) *Illi dan dan għaliex allavolja huwa minnu illi l-esponenti xtara xi bibien, dawn l-istess bibien huwa xtarahom unikament mingħand All Needs Limited, meta minn naħa tiegħu inkariga lill All Needs Limited sabiex jaġixxu bħala turnkey contractors għax-xogħolijiet ta finishing fuq tlett (3) appartamenti proprjeta tiegħu.(vide l-kuntratt ta' appalt bejn Patrick Baldacchino u All Needs Limited anness bħala **Dok PB1** u invoices annessi bħala **Dok PB2**)*

3) *Illi minn naħa tiegħu, Mark Camilleri f'isem All Needs Limited s-sub-appalta l-manifattura tal-bibien in kwistjoni lil-Metalfer2 s.r.l u għaldaqstant l-istess All Needs Limited hija unikament responsabbli għall-ħlas ta' l-istess bilanċ għall-prezz tal-bibien versu s-soċjeta rikorrenti.*

4) *Illi mingħajr preġudizzji għas-suespost, mhux talli l-esponenti m'għandux relazzjoni ġuridika mas-soċjeta rikorrenti Metalfer2, iżda talli huwa diġa ħallas il-bilanċ tal-prezz dovut għall-bibien tiegħu lill All Needs Limited – is-soċjeta li hu kien ingaġġa min-naħa tiegħu – u dan tramite ammont ta' pagamenti (vide u cheques (annessi bħala **Dok PB3**)*

5) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u dato ma non concesso illi l-esponenti jiġi ordnat iħallas għall-bibien li diġa ħallas lil All Needs Limited għalihom, 15 biss mit-52 il-bieb li nħaddmu mis-soċjeta rikorrenti u li l-bilanċ ta' liema qed jiġi pretiż fil-kawża odjerna - ġew installati fl-appartamenti proprjeta tal-esponenti u għaldaqstant u f'kull każ, l-ammont pretiż huwa ukoll eżaġerat u eċċessiv, u huwa ferm inqas minn dak mitlub fir-rikors promotur.*

Rat is-sentenza tal-21 ta' Jannar, 2022, li permezz tagħha il-konvenut Patrick Baldacchino ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju ;

Semgħet lix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi ebda parti ma ppreżentat Noti ta' Sottomissjonijiet għalkemm kienet awtorizzata tagħmel dan ;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidrat:**

**Patrick Baldacchino** xehed illi hu u żewġ ħutu kienu wirtu numru ta' appartamenti *shell* ġewwa tas-Sliema. Wara li hu u ħutu qasmu l-wirt fittxew kuntrattur *turnkey* sabiex jieħu ħsieb li dawn jitkomplew biex ikunu jistgħu jikru l-istess appartamenti. Jispjega li ħabiba ta' oħtu kienet irrakomandat lil Mark Camilleri li kellu kumpanija li tagħmel xogħol ta'

*turnkey*. Għalhekk hu u ħutu għamlu kuntatt ma' Camilleri u kuntratturi oħra biex iġibu diversi kwotazzjonijiet għax-xogħol li kien hemm bżonn isir. Wara li għamlu dan, daħlu f'negozjati ma' Camilleri peress li kellu l-aħjar offerta u kien wegħedhom ukoll li x-xogħol isir f'terminu stabbilit. Għal dan il-għan hu u ħutu iffirmaw kuntratt separat peress li x-xogħolijiet kienu se jsiru f'appartamenti li jappartjenu lilu u lili ħutu separatament.

Ix-xhud spjega illi mal-istess kuntratt kien hemm annessa skeda tal-prezzijiet, liema skeda kienet tinkludi l-bibien tal-istess appartamenti, liema bibien kellhom jinxtraw u jiġu nstallati mis-soċjeta` All Needs Limited, bil-patt u l-kundizzjoni li huwa japprova l-kulur u l-materjal qabel dawn jiġu ordnati.

Jisjega li wara xi żmien hu u ħutu telgħu Sqallija biex jordnaw l-għamara, fejn hemmhekk ġie suġġerit lilhom manifattur tal-bibien, ċertu Causorano li kellu l-kumpanija Metalfer2 s.r.l. Għalhekk, meta rritornaw Malta kienu kellmu lil Camilleri dwar dan is-suġġeriment, pero` ma tantx deher konvint. Madankollu qallu li kien se jiċċekkja. Wara xi żmien kien ġie Malta Francesco Causorano u staqsieh sabiex jiltaqa' miegħu. Ix-xhud qallu li peress li ma kellux x'jaqsam mal-*finishings* huwa kien se jlaqqgħu mal-kuntrattur, kif fil-fatt għamel. Wara dan l-inkontru, Camilleri kien tela' Sqallija fil-fabbrika ta' Metalfer biex jara l-kwalita` tax-xogħol. Meta rritorna minn Sqallija, Camilleri qallu li x-xogħol kien għoġbu u għalhekk urieh kampjuni tal-bibien u qallu li ħa jmexxi ma' Metalfer2 S.r.l. Għalhekk Camilleri ordna l-bibien u reġa' mar Sqallija biex jara l-bibien u xi aluminium. Ix-xhud jispjega li ladarba kienu għoġbuh il-kampjuni u l-kulur huwa kkonferma dan pero' ma kellux x'jaqsam iżjed.

Wara dan, fis-6 ta Ġunju, 2018, Camilleri kien bagħat messaġġ lil Baldacchino sabiex jagħmel pagament sabiex is-soċjeta` All Needs Limited tkun tista' tħallas lil Metalfer tal-bibien, liema ħlas sar, flimkien ma' diversi ħlasijiet oħra. Baldacchino spjega illi l-uniku darba li kellu x'jaqsam ma' Causarano personalment kien li wara li saret l-ordni tal-bibien in kwistjoni, huwa kien talbu jiltaqgħu miegħu dwar bieb ieħor f'appartament sitwat Testaferrata Street, Msida, liema appartament m'għandu xejn x'jaqsam ma' All Needs Limited jew il-proġett in kwistjoni.

**Reuben Caruana** spjega illi huwa r-raġel ta' oħt il-konvenut Baldacchino u fl-affidavit tiegħu ikkonferma dak kollu relatat minn Baldacchino dwar kif ġraw l-affarijiet.

In kontro-eżami Caruana stqarr illi meta ġiet il-konsenja tal-bibien innota li kellhom xi difetti u Camilleri qalilhom biex iħallu f'idejh u li kien se jirranġa hu ma' Causarano. Jispjega li għalkemm kienu huma li semmew lil Causarano lil Camileri, kien Camilleri li ddeċieda li jordna l-bibien mingħandu. Spjega wkoll li lil Camilleri ħallsuh ta' kollox.

**Mark Camilleri** spjega illi hu jiftakar jiffirma kuntratti ta' appalt ma' Baldacchino u ma' ħutu għalkemm ma sabx il-firma tiegħu fuq il-kuntratt ta' appalt esebit minn fol. 12 sa 14. Jispjega li x-xogħlijiet li kellu jagħmel kienu jinkludu bibien, liema bibien saru fuq ordni tiegħu. Jispjega li kien ordna b'kollox xi ħamsin (50) bieb mingħand Metalfer. Jispjega li meta dawn il-bibien ġew ikkonsenjati ma għoġbuhomx u t-Taljan qalilhom li setgħu jitranġaw. Jispjega li għar-rigward tax-xiri ta' dawn il-bibien huwa kellu x'jaqsam mas-soċjeta` attriċi, ħlief għal bieb wieħed li kien a karigu ta' Baldacchino u li ma kellux x'jaqsam mal-proġett in kwistjoni. Jispjega illi kien hemm diżgwid mat-Taljan tant li ġurnata minnhom sabuh qed jerġa' jaqla' l-bibien u kien se jitlaq. Għalhekk għamlu rapport lill-Pulizija li ġegħluh iħott kollox. Camilleri jgħid li spiċċa waqqa' l-prezz oriġinali tal-bibien minħabba li kellhom xi difetti u li daħal fi spejjeż oħra biex iqabbad in-nies iwaħħlu l-istess bibien.

Mistoqsi jekk tħallasx tal-bibien mingħand Baldacchino, Camilleri wieġeb li hu rċieva diversi pagamenti akkont għall-pakkett kollu ta' servizzi u xogħlijiet miftehma bejniethom. Camilleri jispjega wkoll illi lit-Taljan kien ħallsu nofs il-prezz tal-bibien. Minħabba li kompla d-diżgwid bejn Camilleri u l-aħwa, tant li saħanistra nbidlu s-serraturi tal-appartamenti, Camilleri jispjega li ma setax ikompli jaħdem. Mistoqsi minn min għandu jitħallas it-Taljan, Camilleri wieġeb li mingħandu ħlief għal bieb wieħed ordnat għal Baldacchino personalment. Mistoqsi jekk il-bibien ġewx kollha ikkonsenjati, Camilleri wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi min ħallas id-depożitu tal-bibien, Camilleri wieġeb li kienet is-soċjeta` All Needs Limited, filwaqt li l-ftehim kien li s-soċjeta` attriċi titħallas meta jitlesta x-xogħol.

Wara li xehed Camilleri, Baldacchino spjega illi Camilleri kien urieh fattura li minnha kien jirriżulta li Camilleri kien diġa ħallas lil Metalfer is-somma ta' tnax-il elf ewro (€12,000) akkont. Fir-rigward tal-bieb li ma kienx relatat mal-proġett tal-appartamenti, Baldacchino jispjega li l-istess bieb qatt ma ġie nstallat minn Metalfer u meta inkariga lil xi ħadd biex iwaħħlu fil-post ġie nnutat li kien ikbar mill-fetħa tal-bieb u għalhekk kien impossibbli li jiġi nstallat. Jispjega li pero`, kuntrarjament għal dak li stqarr Camilleri, dan il-bieb ukoll ġie ordnat minn Camilleri u qiegħed imniżżel fl-invoice mal-ħmistax-il bieb l-ieħor tal-appartamenti peress li

huwa kien inkariga lil Camilleri wkoll sabiex jieħu ħsieb l-ordni ta' dan il-bieb. Baldacchino spjega illi minn tnejn u ħamsin (52) bieb ordnati minn All Needs Ltd għall-proġett odjern, ħmistax (15)-il bieb biss kienu jirrigwardaw l-appartamenti tiegħu u li għalihom kien ikkuntratta mas-soċjeta` konvenuta.

**Francesco Causarano** spjega illi huwa d-direttur tas-soċjeta` attriċi u li wara li kien għaddielu n-numru ta' Baldacchino negozjant ieħor, kien ikkuntattjah u niżel Malta fejn iltaqa' miegħu u Baldacchino spjegalu li kellu bżonn xi bibien. Baldacchino ppreżentalu lil Camilleri li kien qiegħed jieħu ħsieb ix-xogħol fl-appartamenti fejn riedu jiġu nstallati l-bibien. Jispjega li ħa l-kejl tal-bibien tal-appartamenti u wkoll il-qies ta' bieb ieħor ta' ħanut li kellu Baldacchino. Baldacchino kien qallu li seta' jitkellem ma' Camlleri peress li kellu ħafna x'jagħmel. Għalhekk Camilleri mar Sqallija biex jagħżel il-prodott u wara s-soċjeta` attriċi bdiet taħdem fuq il-bibien. Jispjega li Camilleri kien qallu sabiex jagħmel żewġ stimi, u ċioe` waħda fuq is-soċjeta` All Needs Limited u oħra fuq Baldacchino sabiex ikun jista' jieħu kummissjoni fuq ix-xogħol. Jgħid li sussegwentement Camilleri għamel depożitu fi flus kontanti.

Meta waslet il-ġurnata biex jiġu nstallati l-bibien huwa talab il-bilanċ lil Camilleri u dan qallu li kien se jgħaddihulu l-għada. Pero` l-għada lil Camilleri ma rahx. Wara jumejn ċempel lil Camilleri u qallu li kellu jmur l-Isptar. Għalhekk wara nofsinhar reġa' ċempillu pero` ma rrispondihx. Lanqas Baldacchino ma rrispondih. Għalhekk iddeċieda li ma jkomplix iwaħħal ix-xogħol u jieħu lura l-bibien li kienu għadhom mhux installati. Pero` jgħid li f'ħin minnhom sab li Baldacchino kien qiegħed jimblokka t-triq bil-vettura tiegħu sabiex it-trakk li fih kien hemm il-bibien ma jiċċaqlaqx. Sussegwentement ġew il-Pulizija li talbuh jerġa' jniżżel il-bibien minn fuq it-trakk.

Wara dan l-inċident, Causarano pprova jċempel kemm lil Baldacchino u kemm lil Camilleri sabiex jitħallas pero` ħadd minnhom ma rrispondieh. Jispjega li huwa għamel dawn il-proċeduri kontra Baldacchino peress li kien Baldacchino li inkarigah u li qallu li kellu bżonn il-bibien in kwistjoni b'mod urġenti. Jispjega li hu ma jafx b'xi ftehim li seta' kien hemm bejn Camilleri u Baldacchino u li għalih l-inkarigu ingħata minn Baldacchino. Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx jaf li Camilleri kien kuntrattur, Causarano wieġeb li le. Mistoqsi jekk kellux xi kuntratt ma' Baldacchino, ix-xhud wieġeb li kuntratt ma kellu ma' ħadd.

**Ikkunsidrat :**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fl-2018, Patrick Baldacchino u Claire Caruana iffirmaw kuntratt ma' All Needs Limited, rappreżentata minn Mark Camilleri, għar-rigward ta' numru ta' appartamenti u penthouse ġewwa l-Gżira li kienu jinsabu fi stat ta' ġebel u saqaf.[1] Illi l-istess kuntratti kienu jikkonċernaw it-tkomplija ta' xogħlijiet sabiex l-istess fondi jiġu fi stat « finished ». Fuq l-istess kuntratti ġie maqbul il-metodu ta' pagamenti u l-perjodu entro liema x-xogħol ried jitlesta.

Illi ġie stipulat ukoll is-segwenti *« il-kuntrattur mhux responsabbli għal materjali ħlief għal dawk espressament indikati fl-iskeda DOK B, u in partikolari madum tal-art u tal-ħajt u settijiet tal-banju mhux inkluż. »*

Illi mal-kuntratti relattivi ġew ippreżentati *invoices* u *quotations* fejn is-soċjeta` konvenuta nkludiet fihom il-bibien tal-appartamenti in kwistjoni.[2]

Kwindi huwa ċar illi s-soċjeta` konvenuta ġiet inkarigata sabiex tieħu ħsieb li tipprokura u tinstalla l-imsemmija bibien.

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta illi s-soċjeta` attriċi ġiet introdotta lil Camilleri minn Baldacchino wara li din ġiet suġġerita lilu minn fornitur tiegħu Sqalli. Jirriżulta wkoll li kien hemm inkontru ġewwa Malta bejn id-direttur tas-soċjeta` attriċi Causarano u Baldacchino, fejn dan tal-aħħar urieh il-proġett li kellu. Jirriżulta wkoll pero` li qallu biex jitkellem ma' Camilleri u fil-fatt in-negozjati saru ma' Camilleri, tant li Camilleri qallu biex jagħmillu żewġ stimi. Jirriżulta wkoll illi kienet is-soċjeta` konvenuta li ħallset depożitu akkont tal-prezz finali u dan kif jirriżulta kemm mix-xhieda ta' Camilleri nnifsu u kif ukoll mir-rendikont ippreżentat minn Baldacchino a fol. 107 tal-proċess.

Illi pero`, iżjed minn hekk, hemm ammissjoni ċara u inekwivoka ta' Camilleri nnifsu li kienet proprju is-soċjeta` konvenuta li kienet inkarigat lis-soċjeta` attriċi biex timmanifattura u tinstalla l-bibien in kwistjoni, u dan sabiex jiġi onorat il-kuntratt li kien hemm bejn l-istess soċjeta` konvenuta u Baldacchino. Camilleri jistqarr is-segwenti :

*« Dr Thomas Bugeja : Issa semmejt il-bibien. Għadek kif għidtilna li għamilt il-bibien. Minn fejn xtrajthom il-bibien ? Minn fejn ġibthom ? U min għamel l-ordni ?*

---

[1] Dokument PB1 a fol. 12 u kopja iktar cara ipprezentata bhala Dokument X a fol. 162 *et sequitur* u Dokument RC1 a fol,. 63 *et sequitur*

[2] Dokument PB2 a fol. 15 sa 19 u Dokument RC1 a fol. 66 u 67

*Xhud : Mela, il-bibien għamilt l-ordni jien.  Ma' l-ordni biss kien hemm bieb wieħed li għandu x'jaqsam ta' Patrick, ta' ħanut tiegħu tax-xagħar li kellu.*

....

*Dr. Thomas Bugeja :  L-aħħar domanda. Jiġifieri jekk it-Taljan jonqsu jieħu xi ħaġa tal-bibien, min għandu jħallsu dan tal-flus ?*

*Xhud : S'intendi jien, ħlief il-parti wieħed tal-bieb ta' Patrick.  Għax Patrick parti minnhom ordnajt jiena parti għall-bieb ta' Patrick.*

*Maġistrat : Fuq struzzjonijiet.*

*Dr. Thomas Bugeja : Privat.  Il-bqija, inti trid tħallsu lit-Taljan ?*

*Xhud :  For sure, imma x-xogħol mhuwiex finished....»*

Dawn l-asserzjonijiet bl-ebda mod ma ġew kontradetti fil-kontro-eżami tax-xhud, liema kontro-eżami prinċipalment ikkonċentra fuq il-ġurnata meta ġew ikkonsenjati u mwaħħla parti mill-bibien in kwistjoni.  Illi kwindi kwalunkwe ħlas rigward l-ordni tal-bibien in kwistjoni hija dovuta mis-soċjeta` konvenuta li da parti tagħha kellha kuntratti ma' Baldacchino u Caruana.

Illi s-soċjeta` konvenuta, fl-eċċezzjonijiet tagħha, teċċepixxi illi x-xogħol ordnat ma sarx skont is-sengħa u l-arti.  Illi l-Qorti tqis illi tali prova kienet tispetta lill-istess soċjeta`.  Pero` jirriżulta illi l-istess soċjeta` ma ressqet ebda provi f'dan ir-rigward.

Illi skont ir-rendikont esebit bħala Dokument PB1 a fol. 107 jirriżulta li dak reklamat mis-soċjeta` attriċi jirrigwarda l-ordni ta' tnejn u ħamsin (52) bieb u bilanċ għall-istess ordni tas-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u erbgħa u sittin ewro (€13,864).  Jirriżulta wkoll illi tali rendikont intbagħat fis-17 ta' Novembru 2018 lis-soċjeta` konvenuta.  Ma jirriżultax illi f'xi mument is-soċjeta` konvenuta, qabel ma nfetħu dawn il-proċeduri, kkontestat l-istess ammont.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri ssemma wkoll bieb li kien intiż għal fond ieħor.  Pero` dan ma jirriżultax fir-rendikont ippreżentat a fol. 107, liema rendikont jirriżulta li jirrelata esklussivament mal-ordni li saret mis-soċjeta` konvenuta u li minnha jirriżulta l-bilanċ li qiegħed jintalab

permezz tal-kawża odjerna. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-bilanċ mitlub f'din il-kawża jirrelata esklussivament għall-bibien tal-appartamenti fil-blokka ta' Rue D'Argens, Msida u li minnha hu eskluż il-bieb li baqa' ma twaħħalx minn Baldacchino peress li kien ġie maħdum ikbar mill-bokka fejn ried jitwaħħal.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi s-soċjeta` attriċi ppruvat illi hija għad fadlilha bilanċ favur tagħha tal-ammont reklamat, liema bilanċ huwa dovut mis-soċjeta` konvenuta.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta All Needs Limited tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u erbgħa u sittin ewro (€13,864) rappreżentanti bilanċ dovut minnha għal xogħol ta' manifattura u installazzjoni ta' bibien reż mill-istess soċjeta` fuq inkarigu tas-soċjeta` konvenuta.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` konvenuta, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontra s-soċjeta` konvenuta u bl-imgħaxijiet kummerċjali dekoribbli sal-pagament effettiv.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**